MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2002

Numru 607/2002

Il-Pulizija
Spettur David Saliba

Vs

Anthony Sofia
Anthony Camilleri
Adrian Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra Anthony Sofia ta’ 55 sena bin John u Natalina xebba Mamo imwieled Rahal Gdid fid-29 ta’ Jannar 1948 u li joqghod 13, Triq San Dwardu, Bormal b’numru ta ID 157448(M), Anthony Camilleri ta’ 43 sena bin Joseph u Carmela xebba Briffa imwieled Hamrun fl-4 ta’ Gunju 1958 u li joqghod Papa Pius XII, Blk D, Flat 2,

Mountbatten Street, Hamrun u Adrian Farrugia ta’ 20 sena bin Barmel u Dionisya xebba Chircop imwieled il-Pieta’ fid-29 ta’ Settembru 1981 u li joqghod “Chaldon”, BocBox Lane, Msida b’numru ta’ identita’ 526881 (M) talli f’Malta matul dawn l-ahhar tlett snin u qabel Jannar tas-sena 2002 b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksur l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli matul dawn l-ahhar tlett snin u qabel Jannar tas-sena 2002 matul il-gurnata, b’mezzi kontra l-ligi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghlu li titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex janqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh bi hsara tad-direttur u /jew il-kumpanija Marsovin Ltd., u dan ai termini tal-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzati wkoll, talli fl-istess zminijiet f,Malta, fl-istess cirkostanzi, appropjaw ruhhom, billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal persuni ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnat lilhom taht titolu, illi jgib, mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikata, u dan ghad dannu tad-diretturi u/jew il-kumpanija Marsovin Ltd, u dan ai termini tal-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-udjenza tal-lum hi hi l-ewwel wahda.

Rat li l-imputat ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza tinstema’ u tigi deciza minn dina l-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumeti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

In vista tal-ammissjoni volontarja u ikkondizzjonata tat-tlett imputati u l-fedina netta tal-imputati. In vista tal-pagamenti minnhom effetwati illum ovvjament minghajr pregudizzju ghal kull dritt tal-parti leasa civilment.

Wara li rat l-Art 308, 310, 293 18, 17 tal-Kap 9 tilliberhom bl’applikazzjoni tal-Art 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li fil-kaz ta’ kull imputat ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien sentjen mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-konsegwezi ta’ din is-sentenza.

Tordna lis-sentenza flimkien ma’ l-atti kollha jintbaghtu lil Avukat Generali skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------